MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 628/15LM

**FM Core Limited (C-49204)**

**vs.**

**Bluebrain Education Ltd (C-66561)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-26 ta' Ġunju, 2015 li bih is-soċjetà attrici, għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*Illi s-soċjetà intimata, hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' sitta u erbgħin elf, tlieta u disgħin euro, u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€46,093.25), (recte) bilanċ minn somma akbar rappreżentanti ħlas*

*dovut għas-servizz u provvista ta' merkanzija mogħtija mis-soċjetà rikorrenti lil dik intimata fuq ordni tagħha stess.*

*Illi minkejja illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata sabiex tħallas hija baqgħet inadempjenti.*

*Illi dan id-debitu huwa ċert likwidu u dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti s-soċjetà intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex din il-Qorti m'għandiex: (1) taqta' u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u ċjoè bid-dispensa tas-smigħ; (2) tiddikjara lis-soċjetà intimata bħala debitriċi tar-rikorrenti fis-somma, jew somma verjuri li għandha tiġi likwidata mill-Qorti jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' periti nominandi; (3) tordna s-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skont kif ġie dikjarat aktar 'l fuq u għar-raġunijiet premessi.*

*Bl-imgħax mid-data tal-fattura u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' deskrizzjoni intavolat fl-24 ta' Ġunju 2015, kontra s-soċjetà intimata li minn issa tibqa' inġunta għas-subizzjoni tagħha.*

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Rat illi għalkemm is-soċjetà konvenuta **Bluebrain Education Ltd (C-66561)** ġiet debitament notifikata, ma deher ħadd sabiex jirrappreżentaha f'dawn il-

proċeduri.

Tqis li għall-finijiet tal-Artikolu 170 tal-Kap. 12 is-soċjetà intimata baqgħet kontumaċi u għalhekk din il-Qorti għandha tgħaddi biex minnufih tiddeċiedi l-kawża.

Semgħet ix-xhieda ta' Edward Cauchi, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, li kkonferma bil-ġurament li għadu dovut lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta l-bilanċ ta' sitta u erbgħin elf, tlieta u disgħin euro, u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€46,093.25).

Tqis għalhekk li fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta u mill-provi prodotti mis-soċjetà attriċi, jirriżulta li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma mistħoqqa.

**<u>Decide</u>**

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċiedi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2) **Tilqa' t-tieni talba tas-soċjetà attriċi u tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta Bluebrain Education Ltd (C-66561) hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' sitta u erbgħin elf, tlieta u disgħin euro, u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€46,093.25);**

3) **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Bluebrain Education Ltd (C-66561) tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitta u erbgħin elf, tlieta u disgħin euro, u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€46,093.25);**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mit-12 ta' Mejju, 2015 kontra s-soċjetà konvenuta Bluebrain Education Ltd (C-66561).**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------